# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Leonard Theuma**

Il-Qorti, wara li rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta` **Leonard Theuma** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 354072M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar is-6 ta' Lulju 2015 għall-ħabta tal-17:10 fuq il-bejt tar-residenza Massabielle, Block A, Flat 1, Triq Ġorġ Żahra, Ħal-Luqa ħebb għall-persuna ta' Carmel Sultana u kkaġunalu offiża ta' natura ħafifa hekk kif ċertifikat mit-Tabib Mark Brincat Reg no. 5501 miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Floriana u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet lil parte civile;

***Ikkunsidrat : -***

Rat li mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni iżda l-offiża hija ta' natura ħafifa li hija ta' konsegwenza żgħira u dan ai termini tal-Artikolu 221(3) tal-Kodiċi Kriminali.

# Decide

li wara li rat l-Artikolu 221(3) tal-Kodiċi Kriminali ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Carmel Sultana u sabiex jinżamm il-bonordni pubbliku ma kulħadd, tqiegħed lill-imputat taħt obbligazzjoni tiegħu għal perjodu ta' sena mill-lum taħt penali ta' elf euro (€1,000).

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 27 t'Ottubru 2015.***

***Aaron M. Bugeja***